## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 18/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Saviour Sammut**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Saviour Sammut, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 369980M minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li quddiemha kien mixli talli fit-28 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 12:00hrs u fil-hin ta' qabel fl-inhawi ta' San Tumas, M'Scala:

1) Saq opra tal-bahar meta zamm abbord bastiment tas-sajd, fl-ibhra tas-sajd, zamm jew halla li jinzamm hut li ma jkunx ittiehed skond licenzja tas-sajd provduta skond dan l-Att jew f'ammonti li jiskorru dak li jippermettu r-regolamenti

ghall-protezzjoni ta' *stocks* ta' hut u dan bi ksur ta' Kap 425 Art 13;

2) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn ghodod tas-sajd minghajr licenzja tal-Awtorita' kompetenti u dan bi ksur L.S. 452.01 Reg 2, 3, 13;

3) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta kull persuna li tikser xi restrizzjoni jew obbligu dwar is-sajd fil-bahar f'xi wahda mill-kontravenzjoni li ghaliha tapplika din l-ordni tkun hatja ta' reat kontra l-att meta l-bastiment tas-sajd ikun minghajr awtorizzazzjoni u/jew il-kaptan jew is-sid tal-bastiment tas-sajd ikun stad matul stagun maghluq u dan bi ksur ta' L.S. 425.08 Reg 4, Para 6 (c)(g)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-imputat Saviour Sammut hati tal-<u>ewwel</u> imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' hamest elef ewro (€5,000) filwaqt li ma sabitux hati tat-<u>tieni u t-tielet</u> imputazzjoni u lliberatu minnhom;

Rat ir-rikors ta' Saviour Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Jannar, 2016, li bih talab lil din il-Qorti **tvarja u timmodifika** l-istess sentenza billi tikkonfermaha inkwantu l-esponent kien illiberat minn dawk l-akkuzi [recte: imputazzjonijiet] fejn ma instabx hati [igifieri it-tieni u t-tielet imputazzjoni] u tvarjha inkwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw ammont ta' hames hutiet, Tonn, li ttellghu l-art minn certu Adam Saliba li kien riekeb fid-*dinghy* tal-imputat li kien ukoll fil-kumpanija ta' persuna ohra u intercettati mill-awtoritajiet wara informazzjoni anonima li kien qed isir xi sajd illegali waqt stagun mghaluq ghal-qabda tat-Tonn;

2. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravami ta' natura legali kif ukoll dawk dwar l-apprezzament tal-provi. Jokkorri ghalhekk li jkunu ezaminati l-provi mressqa sabiex din il-Qorti tkun f'qaghda tikkonkludi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha;

3. Is-segwenti hi sintezi tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u mill-imputat. Permezz ta' affidavit kif ukoll b'deposizzjoni *viva voce* quddiem din il-Qorti, **PS 1576** xehed

illi kien acceda ghad-Dahla ta' Marsascala fuq talba ta' ufficcjali tas-sajd. Fuq l-art kien sab lill-certu Adam Saliba mizmum mill-ufficcjali u fil-pussess ta' hames tonniet b'rashom maqtugha. L-ufficcjali tas-Sajd infurmawh illi dan kien dahal fuq dinghy misjuq minn persuna ohra li izda regghet harget 'l barra. Huwa tracca lis-sewwieq tad-dinghy involut u kellmu xi granet wara fl-Ghassa tal-Mosta;

4. **Omar Farrugia**, ufficcjal mid-dipartiment tas-Sajd xehed illi kien mitlub jaccedi l-Bajja ta' San Tumas fuq informazzjoni li kien diehel xi hut illegalment. Hin minnhom hu u l-kollega tieghu lemhu *dinghy* celesti diehel bil-mod u li dan kien qed jirmonka xi haga. Wahda mill-persuni fuq id-*dinghy* qabzet il-bahar u d-dinghy baqa' diehel mal-moll u nizlet persuna ohra fuq il-moll, marret ghall-vettura u nizlitha fuq l-islipway filwaqt li l-persuna li qabzet il-bahar gibed mieghu dak li kien qed jingibed mid-dinghy. Dawn it-tnejn bdew jghabbu l-hut li kien Tonn filwaqt li d-dinghy hareg lura fuq il-bahar. L-ufficcjali kellmu lil Adam Saliba li qalu li kien sid il-vettura filwaqt li l-persuna l-ohra li instemghet titkellem b'ilsien barrani ma rawhiex aktar. Ftit tal-hin wara d-dinghy rega' dahal, avvicinawh il-Pulizija izda rega' hareg 'l barra;

5. Omar Farrugia spjega li l-persuni fuq id-dinghy kienu tlieta, jigifieri wiehed li kien qed isuq, Adam Saliba u iehor li gibed it-Tonn lejn l-art. Kien hemm hames Tonniet b'rashom maqtugha u mnaddfa. Dak inhar kien hafna rih u aktar tard is-sewwieq tad-dinghy dahal b'familja fuq id-dinghy u kienu ukoll mitkellma;

6. **Gaetano Cassar**, ufficjal iehor tal-istess dipartiment xehed illi dakinhar meta l-istagun tat-Tonn kien mghaluq, marru fil-Bajja ta' San Tumas fuq informazzjoni li kellhom u madwar saghtejn u nofs jew tliet sieghat li kienu fil-Bajja ta' San Tumas tfacca dinghy bi tlett minn nies fuqu li kien qed jigbed xi haga warajh. Wiehed minnhom qabez il-bahar, l-iehor telaq bid-dinghy u l-iehor mar igib il-vettura. Wara ftit rega' tfacca tad-dinghy u dakinhar kien ir-rih u daqsxejn tal-maltemp;

7. **Saviour Sammut** xehed illi kellu negozju tad-*dinghies* u dakinhar kien miftiehem ma' certu Adam Saliba u certu Josef biex jippruvaw id-dinghy li kien qed ibigh. L-ewwel ma pruvah kien Adam Saliba billi hargu sa nofs il-bajja u regghu lura. Saliba xtaq jipprova d-dinghy bi tlett minn nies fuqu u kien ghalhekk li talbu turist li kien qed jghum fl-inhawi biex jitla' maghhom u dan accetta. Appena waslu madwar mija u hamsin metru boghod mill-bajja ltaqghu ma' bagi li kellhom hafna hbula hoxnin maghhom, tellghu il-bagi u malli lahqu tellghu zewg metri habel tfacca dan il-hut mal-hbula izda ma tellax il-hut fuq id-dinghy biex ma jhammgux. Ghalhekk irmunkaw il-hbula ghall-gewwa. Peress illi l-bahar kien qawwi, ghaliex hekk riedu jippruvaw dan id-dinghy l-klijenti, huma u dehlin fil-bajja l-bahar beda jirrombla u t-turist qabez il-bahar u zamm dawn l-affarijiet [allura l-bagi u l-hbula] b'idejh;

8. L-imputat kompla ghid illi x-xerrej, igifieri Adam Saliba, qal li dakinhar kien jghalaq sninu u ftehmu li jekk il-hut ma kienx jinten u jekk ghadu tajjeb Saliba kien ser isajru jew jaghmel party bih. Saliba nizel u fuq id-dinghy rikbet il-familja ta' certu Josef maghmula minn dan tal-ahhar, martu u t-tfal biex johorgu jippruvaw id-dinghy. Wara li wassalhom u nizlu, mar biex itella' d-dinghy 'l barra, hu u hiereg kien hemm diversi oggetti ohra bhalma sabu qabel u bicca plastik qabdet mal-mutur u beda jdoqq l-alarm ghaliex il-mutur ma bediex itella' ilma u ghalhekk kellu jcempel lil habib tieghu biex jassistih. Tlett ijiem wara baghtu ghalih il-Pulizija. Qal li kien ftiehem ma' Adam Saliba biex jghabbilu l-bagi fil-vann tieghu ghaliex dawk kien jigi bzonnhom. In kontro-ezami kkonferma li l-hut kien xammu jinten u kien mahmug u mimli alka u li kien kbir daqs il-mejda tal-awla. Id-dinghy fih 18-il pied u armat b'magna ta' 100 hp;

9. Xehed ukoll **Joseph Sammut** li qal li dak inhar kien miftiehem biex imur jipprova dinghy bil-hsieb li jixtrieh u kien qieghed flimkien mal-mara u t-tfal. Kien bahar qawwi u ried jipruvah b'dawk il-kondizzjonijiet ghaliex dinghy ma tixtrihx f'bahar lixx. Malli telghu fuq id-dinghy xi hadd ghajjat lill-Saviour Sammut biex jghinu, huma telghu u telaq jigri 'l barra. Mar-ritorn taghhom mal-moll sab il-Pulizija ma' wiccu. Mitlub jispjega ghaliex harab jigri 'l barra jghid li ghaliex kien hemm dghajsa ohra barra l-bajja, kienet waqqfet il-barra hafna, pero' hawnhekk mhix cara ghal min jew ghal x'hiex kien qed jirreferi dan ix-xhud;

10. Flimkien ma' dawn id-deposizzjonijiet hemm dokumenti esebiti quddiem l-ewwel Qorti konsistenti f'okkorrenza u permess ghall-garr ta' armi tal-kacca;

11. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jillanja illi ma jezistux l-elementi kollha tar-reat ravvizat fl-artikolu 14, [prezumibilment l-appellant ried jirreferi ghall-artikolu 13] tal-Kap 452. Issa, fl-ewwel imputazzjoni, l-appellant hu mixli li saq opra tal-bahar u zamm abbord jew halla li jinzamm hut mittiehed mhux skond licenzja skond l-Att. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> Kaptan ma jistax, abbord bastiment tas-sajd, fl-ibhra tas-sajd, izomm jew ihalli li jinzamm hut li ma jkunx ittiehed skont licenzja tas-sajd provduta skond dan l-Att jew f'ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti ghall-protezzjoni ta' *stocks* ta' hut.

12. Tajjeb ghalhekk li ssir referenza ghal-artikolu li jaghti d-definizzjoni ta' Kaptan u ta' Bastiment tas-sajd. Il-Kelma "Kaptan" *tfisser, dwar bastiment tas-sajd, il-persuna li fil-mument ikollha l-kmand jew tkun inkarigata mill-hidma tas-sajd abbord il-bastiment.* "Bastiment tas-sajd", imbaghad *tfisser kull bastiment ta' liema daqs ikun u li jitmexxa b'xi mod li jkun li fil-mument ikun qed jintuza ghal hidma ta' sajd jew ghall-ipprocessar, hazna jew garr ta' hut jew ghal xi hidmiet (inkluz trasbord ta' hut) ancillari ghal dan, izda ma tinkludi ebda bastiment uzat ghall-garr ta' hut jew prodotti ta' hut bhala parti mill-merkanzija generali tieghu*;

13. L-ewwel argument mressaq mill-appellant ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti hu li id-dinghy tieghu ma jikkwalifikax ghal bastiment tas-sajd fit-termini tal-ligi. It-tifsira appena citata tal-kelma "bastiment tas-sajd" hija cara u d-dinghy tal-imputat jirrijentra perfettament f'din id-definizzjoni jekk f'dak il-mument kien qed jintuza ghas-sajd jew garr ta' hut u m'hemmx ghalfejn li jkun attrezzat ghal hekk. L-imputat ghalhekk m'ghandux ragun f'dan ir-rigward;

14. It-tieni argument mressaq mill-appellant hu li dak li sab mitluq fil-bahar ma jistax qatt jikkwalifika bhala huta kif imfissra fil-ligi ghaliex dan jammonta ghall-*res derelicta* anke jekk il-ligi titkellem dwar bicca minn huta. Huwa mankanti ghalhekk l-element materjali ghaliex il-ligi titkellem dwar pussess ta' huta jew bicca minnha provenjenti mill-huta li tkun inqabdet mill-istess persuna. Dwar dan, tajjeb li tkun citata dik il-parti tal-Kap 425 fl-artikolu 2 li taghti tifsira ghall-kelma "hut":

> **2.** 'ħut' tfisser 'kull annimal akwatiku, sew jekk pixxin u sew jekk le u tinkludi frott tal-baħar bil-qoxra, krustaċeji, sponoż, rizzi, fkieren mammli akwatiċi u ż-żgħar, frieħ, bajd u qxur tagħhom kif ukoll partijiet minnhom u ikel imnissel mill-ħut.

15. Dak in kwistjoni, igifieri hut bla ras u mnaddaf certament jirrientra fit-tifsira ta' "hut" anke jekk misjub f'kundizzjonijiet li juru li kien abbandunat jew mormi minn terzi. L-artikolu 13 hu mahsub biex jiccensura iz-zamma tal-hut li jkun maqbud kontra l-ligi. Fil-kaz hawn skrutinat, l-

allegata infrazzjon tikkonsisti sia fil-kwantita' kif ukoll fil-qabda tal-hut fi stagun mghaluq. Certament li l-hut ma kienx inqabad xi gimghat jew granet qabel tant li kien wara l-ewwel ispezzjoni tieghu kien deciz li jittella' barra mill-ilma u f'kaz li ghadu tajjeb jissajjar. Ifisser ghalhekk, illi anke li kieku dan il-hut kien abbandunat minn terzi ma hu ta' ebda beneficcju ghall-imputat li jikkjama in difeza tieghu l-kuncett ta' *res derelicta*. Issa l-kwistjoni kollha tippernja fuq jekk il-hut kienx abbord jew le la darba hu palezi li dan kien marbut mad-dghajsa u rmunkat. Il-Qorti izda, ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tqis li l-hut ma kienx abbord semplicement ghaliex kien imdendel barra d-dghajsa u dan la darba kien hekk marbut bi hbula mal-istess dghajsa;

16. L-appellant jillanja ukoll li huwa mankanti l-element intenzjonali manifest mill-fatt illi ma huwiex sajjied u qatt ma rama ghas-sajd tant li f'dak il-mument ma harigx bl-intenzjoni specifika biex jaqbad jew jiehu parti minn huta. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument ghaliex l-intenzjoni tifforma ruhha appena l-persuna, sajjied jew le, tiddeciedi li ttella abbord il-hut jew huta kontra r-regolamenti tas-sajd u ma kienx hemm ebda htiega li l-prosekuzzjoni tipprova li dak il-hut kien inqabad illegalment minn haddiehor.

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.